MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Numru. 43/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jozef Juan Cauchi ta' 23 sena, bin Giovanni u Mariella nee' Xuereb, imwieled Victoria, nhar il-11 ta' Ottubru, 1988, residenti fil-fond numru Maracana, Triq Mattia Preti, Victoria u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3489(G)**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jozef Juan Cauchi li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-tlieta ta Marzu, 2010, u matul l-ahhar erbgha snin ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, gewwa Victoria, Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinjiet differenti;**

**a)** ***forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina*****, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;**

**b)** ***kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina*****, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**c) *kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;**

**d) *kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina*, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**e) ukoll talli fl-istess zmien data u cirkustanzi *kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika* meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esbiti;

Rat l-ordnijiet li ta l-Avukat Generali tal-11 ta' April, 2011, mahruga a tenur tal-Kapitolu 101 u Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa tal-imputat izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat qieghed jassisti lill-Pulizija f'investigazzjonijiet ohra;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendati bil-Kapitolu 101, l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 u r-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-Artikoli 40(A) u 120(A) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, issib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-perijodu ta' xahar prigunerija;

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tak-dokument F u tawtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------